# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 9**

**Rikors numru 250/11/2 AL**

**Daniela Gauci**

**v.**

**Stephen Gauci**

**Il-Qorti:**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-konvenut u l-appell inċidentali tal-attriċi minn sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-2 ta' Lulju, 2020, li biha laqgħet it-talba għas-separazzjoni tal-partijiet, li żżewġu fil-21 ta' Diċembru, 2002, (att ta' żwieġ numru 2168/2002). L-ewwel Qorti kkonkludiet li ż-żewġ partijiet huma

responsabbli għall-firda. Fis-sentenza l-Qorti ordnat ukoll it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

2. B'rikors maħluf preżentat fil-5 ta' Awwissu, 2011, l-attriċi talbet li l-Qorti:

> *"1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Gauci minhabba adultejru, vjolenza morali, theddid, sevizzi, ingurji u offizi gravi li l-istess intimat ikkommetta kontra martu;*
>
> *2) Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Nicoel u Angelle f'idejn ir-rikorrenti;*
>
> *3) Tiffissa somma adegwata ghall-manteniment ghall-minuri, liema manteniment ghandu jinkludi wkoll l-edukazzjoni u sahha taz-zewg minuri u tordna sabiex din is-somma tithallas mill-intimat direttament lir-rikorrenti f'kont bankarju ndikat mill-istess rikorrenti f'data ffissata minn din l-Onorabbli Qorti kull xahar;*
>
> *4) Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat iddekada mid-dritt tieghu tal-manteniment;*
>
> *5) Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimat, occorrendo billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-kontumaci fuq l-istess att;*
>
> *6) Tillikwida l-assi parafernali tar-rikorrenti u tassenja l-istess assi lir-rikorrenti;*
>
> *7) Tapplika kontra l-intimat is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili;*
>
> *8) Tawtorizza lir-rikorrenti tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' Cuschieri"*

3. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fit-12 ta' Settembru, 2011[1], il-konvenuti wieġeb:

---
[1] 19

*"Illi dwar l-ewwel talba, l-esponenti jaqbel li għandha tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet izda dan minħabba tortijiet imputabbli unikament lill-attriċi kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Illi l-esponent jopponi ruħu ghat-tieni talba u jirritjeni li huwa fl-aħjar interss tat-tfal minuri li dawn jiġu fdati fil-kura u kustodja tieghu;*

*Illi konsegwentement għandha tkun l-attrici li tigi ordnata thallas lill-esponent manteniment xieraq ghat-tfal minuri. Fi kwalunkwe kaz u bla preġudizzju pero, għandu jittieħed kont li z-zewġ partijiet ghandhom impjieg regolari u li l-attrici ghandha ntrojtu tajjeb, apparti certu allowances u ghalhekk iz-zewġ partijiet ghandhom mezzi adegwati sabiex jikkontribwixxu ghal manteniment ta' uliedhom fi kwoti pressapoco ndaqs.*

*Illi r-raba talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, anzi hija l-istess attrici li ghandha tigi dikjarata li ddekadiet mid-dritt li tesigi manteniment mingħand zewgha kif fil-fatt qed jintalab fil-kontro-talba.*

*Illi dwar il-hames talba, l-esponent jaqbel li l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet ghandha tigi xjolta u likwidata izda f'tali likwidazzjoni ghandhom jigu applikati kontra l-attrici l-provvedimenti tal-artikoli 48(1)(c) u 51 tal-Kodici Civili kif l-esponent fil-fatt qed jitlob fil-kontro-talba li ssegwi dawn l-eccezzjonijiet.*

*Illi dwar is-sitt talba, din ghandha tigi michuda għaliex l-attrici ma ghandha ebda beni parafernali x'jigu likwidati jew assenjati lilha.*

*Illi l-esponent jirrimetti ruħu dwar it-tmien talba."*

4. Il-konvenut għamel rikonvenzjoni u talab illi l-Qorti:

*"1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba r-raġunijiet fuq imsemmija mputabbli esklussivament lill-attrici.*

*2. Tafda l-kura u kustodja legali taz-zewg ulied minuri tal-partijiet f'idejn il-konvenut.*

*3. Tikkundanna lill-attrici sabiex thallas lil konvenut manteniment xieraq għaz-zewg uliedha minuri fuq imsemmija bil-modalita ta' gurnata u lok li jiġu wkoll ffissati.*

*4. Tiddikjara li l-attriċi iddekadiet mid-dritt li tesigi manteniment minghand il-konvenut.*

*5. Tapplika kontra l-attrici id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 (1) (a) u (b) tal-Kodici Civili.*

*6. Tordna t-terminazzjoni u xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet u tillikwidaha u taqsamha f'zewg porzjonijiet u tassenjaha lil-kull parti b'mod li tapplika kontra l-attrici d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48(1) (c) tal-Kodici Civili."*

5. Fit-30 ta' Settembru, 2011, l-attriċi wieġbet:

*"1. Illi t-talbiet ta' l-intimat rikovenzjonant huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess intimat rikonvenzjonant u dan kif ser jigi pruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri;*

*2. Illi minghajr pregudzzju ghas-suespost l-esponenti taqbel li hi u l-intimat rikonvenzjonant iżżewġu fil-21 ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) u li frott taz-zwieg taghhom twieldu zewg minuri, u cioe' Nicole u Angele ta' sitt (6) snin u sentejn (2) rispettivament;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti taqbel li din l-Qorti ghandha tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli lill-intimat rikonvenzjonant u konsegwentement tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejniethom izda ma taqbilx illi hemm xi kumpens dovut lill-intimat rikonvenzjonant anzi huwa l-intimat rikonvenzjonant illi ghal dak li jirrigwarda flus u investimenti kif ukoll mobbli ghandu jikkumpensa lill-esponenti sabiex dawn l-assi jkunu maqsuma b'mod ugwali. Dan mingħajr preġudizzju ghat-talba originali ta' l-esponenti li ghandhom jigu applikati is-sanzjonijiet fil-konfront ta' l-intimat rikonvenzjonat;*

*4. Illi mingħajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tirrespingi kwalunkwe allegazzjoni migjuba kontriha bhala nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li kien l-istess intimat rikonvenzjonant li rrenda ruhu hati ta' adulterju, vjolenza morali, theddid, sevizzi, ingurji u offizi gravi fil-konfront ta' l-esponenti u kien proprju ghalhekk li giet reza impossibbli l-hajja konjugali bejniethom u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti tirrespingi wkoll l-allegazzjoni migjuba fil-konfront taghha rigward l-allegat abbandun tad-dar matrimonjali stante li kien l-intimat rikonvenzjonant li prattikament gieghla titlaq mid-dar matrimonjali u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawza;*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti tirrispingi kwalunkwe allegazzjoni fis-sens li hi jew xi terz pruvaw jallontanaw lill-minuri minn ma' missierhom, anzi kien l-istess intimat rikonvenzjonant li flimkien mal-maħbuba tiegħu l-gdida u n-nanna paterna tal-minuri li agixxew b'tali mod fil-konfront ta' l-esponenti u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*

*7. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost l-esponenti tirrispingi kwalunkwe allegazzjoni fil-konfront taghha relatati mal-allegat agir irresponsabbli stante li hija dejjem agixxiet bhala omm eżemplari u kkunsidrat l-ahjar interessi tal-minuri u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;*

*8. Illi l-esponenti toġġezzjona bl-aktar mod assolut ghat-talba tal-intimat rikonvenzjonant sabiex jiġi fdat bil-kura l-kustodja assoluta tal-minuri stante li l-intimat rikonvenzjonant m'huwiex idoneju biex jiehu ħsieb lill-ulied b'mod esklussiv u għalhekk m'għandha tħallas ebda manteniment lill-intimat ghall-minuri u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawza in oltre mhux minnu li l-partijiet jahdmu l-istess hinijiet anzi l-esponenti tahdem hinijiet anqas mir-ragel u tahdem ukoll sieghat flessibbli ghalhekk hija tista tieħu ħsieb aħjar il-bzonnijiet tal-minuri mill-missier u ghalhekk il-minuri għandhom jirrisjedu ma' l-omm;*

*9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti tirrileva li filwaqt li l-intimat rikonvenzjonant ghogbu jsemmi terzi persuni fosthom lil certu CF, l-istess intimat rikonvenzjonant naqas milli jgib a konjizzjoni ta' din il-Qorti li hu ghandu relazzjoni extra-konjugali ma' certa Olivia Farrugia ghall-liema relazzjoni il-minuri qed jigu esposti kontinwament u għalhekk kien l-istess intimat rikonvenzjonant li kkommetta adulterju bil-konsegwenza li ghandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48(1)(a) u (b) tal-Kodici Civili fil-konfront tieghu u mhux fil-konfront tal-esponenti".*

6. B'sentenza tat-22 ta' Novembru, 2018, il-Qorti ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili.[2]

7. B'sentenza tat-2 ta' Lulju, 2020, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet li:

*"1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u l-ewwel talba rikonvenzjonali billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjuġi Gauci u dana bi ħtijiet ta' adulterju u inġurji gravi da parti l-attriċi, u ħtija ta' adulterju da parti l-konvenut.*

*………*

[2] Fol. 10 tal-folder mehmuz mal-ewwel volum tal-atti.

*5. Tilqa' l-ħames talba attriċi u s-sitt talba rikonvenzjonali, u xxolji, tillikwida, tiddividi u tassenja l-komunjoni tal-akkwisti lil partijiet skont il-provvedimenti tal-ħames parti ta' din is-sentenza u ċjoe' 'It-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti'.*

*6. Tilqa' is-sitt talba attriċi, tillikwida u tassenja lill-attriċi s-somma ta' €11,647 bħala s-somma parafernali tagħha.*

*7. Tilqa' is-seba' talba attriċi u l-ħames talba rikonvenzjonali, u tapplika fil-konfront tagħhom is-sanzjonijiet tal-Artikoli 48 tal-Kodiċi Ċivili.*

*………*

*Bl-ispejjez kollha, inkluz tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, għandhom ikunu sapportati żewġ terzi mill-attriċi u terz mill-konvenut."*

8. Il-konvenut appella. Jilmenta minn dik il-parti tas-sentenza surriferita fejn l-ewwel Qorti qasmet l-assi parafernali, il-kontijiet bankarji u l-*bonds* u *stocks* bejn il-partijiet u allokat ċertu somom lil martu.

9. L-attriċi wieġbet u fl-istess ħin ressqet appell inċidentali li jitratta dwar dik il-parti tas-sentenza li tirreferi dwar il-ħtija għall-firda u l-kap tal-ispejjeż.

Fatti.

1. Il-partijiet iżżewġu fil-21 ta' Diċembru, 2022. Matul iż-żwieġ twieldu żewġt itfal. L-ewwel wild twieldet fl-2004 filwaqt li t-tieni wild twieldet fl-2008.

2. Fit-3 ta' Novembru, 2009, l-attriċi ppreżentat ittra li biha talbet lir-Reġistratur sabiex issir medjazzjoni sabiex il-partijiet jipprovaw jaslu fi ftehim bonarju, u fin-nuqqas il-Qorti tawtorizzaha tiftaħ kawża ta' separazzjoni.

3. F'Jannar 2010 marret id-dar tal-ġenituri.

4. L-attriċi għandha relazzjoni ma' CF, kollega tagħha fil-post tax-xogħol fejn kienet taħdem ma' Riviera Resort Ltd. Il-konvenut għandu relazzjoni ma' OB, mart CF.

5. B'digriet mogħti fil-15 ta' Lulju, 2011, il-Qorti ddikjarat il-medjazzjoni magħluqa u awtorizzat lill-attriċi sabiex tipproċedi b'kawża ta' separazzjoni.

6. Fil-5 ta' Awwissu, 2011, l-attriċi fetħet il-kawża għas-separazzjoni.

7. B'sentenza tat-22 ta' Novembru, 2018, il-Qorti ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili.

<u>Konsiderazzjonijiet.</u>

*<u>Appell inċidentali tal-attriċi.</u>*

10. Fl-ewwel lok il-Qorti ser tikkunsidra l-ewwel aggravju tal-attriċi li tilmenta li l-ewwel Qorti attribwiet il-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ lilha abbażi tar-relazzjoni adultera tagħha mingħajr ma kkunsidrat aspetti tal-karattru tal-apellant li kienu r-raġuni għalfejn tkisser iż-żwieġ. L-attriċi ssostni li matul iż-żwieġ il-konvenut ġabha vittma tal-karattru negattiv, pussessiv u psikoloġikament abbużiv tiegħu. Tisħaq li apparti dak l-aspett, kien hemm ukoll il-fatt li l-konvenut rari ddedika ħin għall-familja u hija kellha tara kif tagħmel biex tkampa waħedha b'żewġt itfal. Min-naħa l-oħra l-konvenut kompla jżid l-attivitajiet tiegħu apparti xogħol *full time* u tliet xogħlijiet *part time.* Issostni wkoll li żewġha kien xħiħ u kien jindaħlilha sa l-inqas dettall kif jintefqu l-flus u jimponi fuqha *budgets* strettissimi minkejja li hija wkoll kienet taħdem bi qligħ. Tisħaq ukoll illi, kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti, hija marret tgħix għand ommha meta telqet mid-dar matrimonjali u mhux għand CF. Ittenni li l-vjolenza psikoloġika u mentali li kienet tiġi assoġġettata għaliha mill-konvenut kienet ilha għaddejja snin sakemm finalment, fid-9 ta' Jannar, 2010, il-konvenut refa' jdejh fuqha. Tilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ġġustifikat dan l-aġir bħala *one off.* Tikkonkludi billi tgħid li finalment kienu dawn l-aspetti li wasslu għat-tifrik taż-żwieġ u mhux ir-relazzjoni tagħha ma' CF, aktar u aktar fil-

kuntest tal-fatt li kien l-istess konvenut li kkommetta adulterju fil-konfront tagħha ma' ħadd ħlief OB, ossia l-ex mara tal-istess CF.

11. L-aspetti kollha li ssemmi l-attriċi f'dan l-aggravju ġew ikkunsidrati mill-ewwel Qorti. Għalhekk, l-attriċi m'għandhiex raġun tilmenta li l-ewwel Qorti, safejn attribwiet il-ħtija għat-tkissir taż-żwieġ lilha, naqset tikkunsidra l-ilmenti tagħha dwar l-allegat karattru tal-konvenut matul il-ħajja miżżewġa tagħhom.

12. Dwar in-nuqqas ta' ħin għall-familja, u l-fatt li l-konvenut kellu diversi attivitajiet, xogħol *full time* u tlett xogħlijiet *part time,* l-ewwel Qorti qieset is-segwenti:

> *"Il-Qorti tinnota li l-partijiet kellhom numru ta' impenji, fejn huwa aċċettat u kkonfermat mill-partijiet stess li apparti x-xogħol rispettiv tagħhom, l-attriċi kellha: (i) training tal-volleyball, u (ii) kors tal-IT, filwaqt li l-konvenut kellu: (i) impjiegi fuq bazi part-time, (ii) overtime tax-xogħol, (iii) xogħol mal-Forzi Armati ta' Malta, (iv) korsijiet tal-MBA u l-ACCA, (v) ġiri, (vi) maratoni, (vii) għum, (viii) logħob tal-football u (ix) ikliet tax-xogħol. Indubbjament dawn l-impenji kollha flimkien max-xogħol fuq bazi full-time, il-kura tal-ulied u tad-dar, jieħdu ħafna mill-ħin tal-ġurnata, li awtomatikament inaqqsu b'mod konsiderevoli l-ħin ta' rilassament u tgawdija mal-familja b'mod in ġenerali. Il-Qorti evalwat li mill-atti tal-kawza, għalkemm l-attriċi tilmenta li l-impenji tal-konvenut kienu eċċessivi u li dawn kienu l-prijorita' għalih, tant li tisħaq illi "ghal kollox kien isib hin, barra ghalija u ghat-tifla" u "xtaqtu d-dar kemm ghat-tfal kif ukoll ghalija ghax il-hin taghna flimkien kien limitat wisq", fl-affidavit tagħha tonqos milli ssemmi illi anke' hi stess kellha l-impenji tagħha. Għalkemm huwa minnu li l-impenji tagħha kienu bil-wisq inqas minn dawk tal-konvenut, jibqa' stat ta' fatt li l-attriċi ma tistgħax tippunta subgħajha lejn zewġha meta hi kienet qiegħed tagħmel bħalu. Fl-affidavit tagħha, l-attriċi tittenta titfa' dell ikrah fuq zewġha fejn tallega li minħabba l-impenji tiegħu, ma kienx jagħti bizzejjed attenzjoni lil familja tagħhom u kien jonqos milli jagħti daqqa t'id fix-xogħol tad-dar. Fil-fatt l-attriċi tispjega li l-konvenut "kien jitrattani ta' xi skjava li kelli naghmillu kollox u fil-hin li jrid hu" filwaqt li b'mod insensittiv kien jikkompara lil attriċi ma' ommu. Minkejja din id-*

*dikjarazzjoni ġuaramentata, il-Qorti tinnota l-verzjoni kunfliġġenti tal-attriċi stess in kontro-ezami fejn tikkontradixxi lilha nnifisha meta tispjega li: "zewgi kien jghini f'xi facendi u xoghol id-dar kont ingib wara li kellna t-tfal u mhux qabel. Kien ikompli jghini meta kont nahsel l-art. (…) Meta twieldet it-tifla naqbel li ma hadtx il-parental leave kollu u hadtu leave wara. Generalment, ommi kienet izzommha meta nkunu xoghol. Lit-tifla kont immur ghaliha wara x-xoghol u jekk nispicca qabel immur qabel. (…) Ir-ragel gieli mar ghat-tifla hu meta jispicca x-xoghol qabli. Kien joqghid mat-tifla sakemm nigi jien u gieli kien jahsilli. Rieqda ma kinitx tkun ghax jien ma kontx nigi daqshekk tard. Kelli kors tal-kompjuter dak iz-zmien u kont nasal lura id-dar fid-9pm u t-tifla tkun mieghu. (…) Gieli hadhom il-bandli u gieli temaghhom u gieli harighom bir-rota, gieli hasilhom. (…) Lill-kbira kien jaqralha storja qabel torqod pero' mhux kuljum u meta kellna zewgt itfal ma niftakarx li kien jaghmel hekk." In kontro-ezami, l-attriċi tgħid ukoll "Is-sibt fis-2pm meta jigi mix-xoghol gieli gheni nkompli nahsel l-art. (…) Darba f'mitt qamar konna mmoru nixtru flimkien u dejjem imgorr jien ghax dahru jugghu. Fis-Sajf, is-Sibt konna mmorru l-bahar u x-xitwa passeggiata sakemm ma nkunux miggildin. Il-Hadd mhux dejjem konna nohorgu flimkien". Fil-fatt il-konvenut stess jikkonferma dan fejn jgħid illi "bejnietna konna naghmluhom l-affarijiet, il-moghdija kont naghmilha kollha kollha jien, maintenance fid-dar, niehu hsieb il-karozzi, tindif tal-karozzi, konna naqsmu l-affarijiet bejnietna".*

*Il-Qorti tifhem li jista' jagħti l-kas li l-ħin ta' bejn il-partijiet kien wieħed limitat, madanakollu ma għandux ifisser li l-konvenut ma kienx jgħin fejn jista' fix-xogħol tad-dar, jew li ma kienx iqatta' ħin ma' familtu. Il-Qorti tieħu l-impressjoni lli l-partijiet huma ambizzjuzi u attivi fil-ħajja tagħhom fejn jippruvaw ileħqu ma' kollox. Madanakollu, il-Qorti ma hijiex tal-fehma li l-konvenut naqas serjament lil martu u/jew lil uliedu. Jidher ċar illi l-partijiet kienu jirranġaw bejniethom kif jistgħu sabiex kull wieħed minnhom ileħħaq mal-impenji tiegħu, fejn matul il-ġimgħa kienu jqattgħu l-ħin tagħhom flimkien."*

13. Il-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti huma fattwalment korretti u għalhekk il-Qorti mhux se tirrepetihom. M'hemmx dubju li d-diversi mpenji, kemm xogħol u wkoll attivita' fiżika, li kellu l-konvenut kienu jnaqqsu mill-ħin tiegħu mal-familja. Iżda ma jirriżultax li bħala konsegwenza tal-istess huwa naqas serjament f'dawk li huma l-obbligi tal-familja. Għalkemm mhux daqskemm xtaqet l-attriċi, jidher li l-

konvenut kien jagħti l-kontribut tiegħu, kemm f'dak li huwa xogħol tad-dar u trobbija tal-ulied. Fil-fatt jidher ukoll li t-tfal huma qrib missierhom.

14. Flimkien mal-affidavit tagħha l-attriċi ppreżentat *emails* skambjati bejn il-partijiet fi Frar tal-2009. Jidher li dak iż-żmien kien hemm diżgwid bejniethom għaliex l-attriċi ppretendiet li l-konvenut ikun ta' sostenn akbar għaliha sabiex hija tkun tista' tkompli bl-istudji tagħha.[3] Iżda fl-aħħar mill-aħħar, f'*email* minnha mibgħuta lejn l-aħħar ta' Marzu 2009, l-attriċi kitbet *'You know I terriby love you'*.[4] Dikjarazzjoni li tistona ferm jekk dak li rrakkontat fl-affidavit dwar it-tbatija li għaddiet minnha matul iż-żwieġ, hi l-verita`.

15. Skont il-partijiet il-problemi fiż-żwieġ eskalaw f'Ġunju 2009.[5] L-attriċi tgħid li bdiet tissuspetta li l-konvenut kien ittradiha għaliex ma kienx jitlaq il-*mobile* minn idu u darba, wara ikla tax-xogħol, sabet nokkla safra fuq is-*seat* tax-xufier tal-karozza tiegħu. Min-naħa l-oħra, il-konvenut jgħid li fl-istess perjodu l-attriċi la kienet tagħti każ tad-dar u lanqas tat-tfal. Żied jgħid li kien jieħu ħsieb it-tfal u jsajjar hu sakemm l-attriċi tlesti xi xogħol li kienet tieħu d-dar magħha. Jgħid li f'Awwissu 2009 għamlilha sorpriża u xtralha karozza Volkswagen Golf għaliex kien jaf li xtaqitha. Minn hemm l-argumenti bdew jonqsu ftit iżda ġimgħat wara reġgħu lura

[3] Vol. 1 fol. 173
[4] Vol. 1 fol. 174
[5] Vol. 1 fol. 161 u Vol. 7 fol. 1366 *overleaf*

għal li kienu. Imbagħad, fl-aħħar ta' Settembru 2009 l-attriċi qaltlu li jkun aħjar jekk jisseparaw. Wara li hija għamlet xahar tinsisti, il-konvenut qal li aċċetta sabiex jaħsadha. Iżda hija marret għand l-avukat dakinhar stess.

16. Skont l-attriċi, meta l-konvenut mar ġimgħa *training camp* f'Ottubru tal-2009 hija ħasset li kienet aħjar mingħajr il-preżenza tiegħu u tammetti li f'dak il-perjodu kienet sabet sostenn kbir f'kollega tax-xogħol tagħha, CF, li kien għaddej bl-istess problemi.[6] Tgħid li bdiet toħroġ ma' dan l-individwu f'Novembru ta' dik is-sena stess. Għalkemm dak iż-żmien il-partijiet kienu għadhom jgħixu flimkien, skontha, kienet miftehma mal-konvenut li għandhom jibdew jgħixu ħajja separata taħt l-istess saqaf u fil-*weekends* joħorġu b'mod individwali darba kull wieħed.

17. Fl-aħħar ta' Diċembru tal-2009 imbagħad infurmat lil żewġha li kienet daħlet persuna oħra f'ħajjitha u f'Jannar 2010 telqet mid-dar matrimonjali. Tgħid li fil-bidu ta' Ġunju 2010 marret tgħix mal-imsemmi CF.[7]

18. Il-Qorti tifhem li l-ħruġ u l-attivitajiet kollha tal-konvenut setgħu taw lok għal diżgwid u diverbji bejn il-partijiet. Dan speċjalment fil-kuntest tal-fatt li l-attriċi wkoll kellha l-ambizzjonijiet tagħha u l-partijiet kien għadu kif

[6] Vol. 1 fol. 163
[7] Vol. 1 fol. 166

kellhom tarbija apparti tifla oħra li dak iż-żmien kellha madwar erba' snin. Madanakollu, huwa evidenti li fl-aħħar mill-aħħar l-attriċi warrbet lill-konvenut minn ħajjitha għaliex kellha wiċċ ħaddieħor. Relazzjoni li nibtet lejn l-aħħar ta' Marzu/il-bidu ta' April tal-2009 meta CF kellu l-liċenzja ta' sewqan sospiża u bdiet tgħaddi għalih biex imorru x-xogħol.[8] Il-kunfidenzi bejn l-attriċi u CF żgur li ma bdewx millum għall-għada kif qisha tagħti x'tifhem l-attriċi. L-attriċi stess xehdet li f'Novembru 2009 kienet tiltaqa' ma' CF barra mill-uffiċċju. Il-mod kif ġraw l-affarijiet pjuttost jindika li l-attriċi u CF kienu diġa` koppja. Dan meta tqis ukoll dak li xehdet mart CF. [9] Għalkemm l-attriċi qalet li fi Frar 2010 waqqfet ir-relazzjoni biex tipprova tirrikonċilja ma' żewġha, hi stess qalet li f'Ġunju 2010 daħlet tgħix ma' CF. F'dan l-istadju wkoll bil-mod kif ġraw l-affarijiet il-Qorti mhijiex konvinta li l-attriċi qatgħet kull kuntatt ma' CF sabiex verament tagħmel dak kollu li jista' jsir biex isseħħ rikonċiljazzjoni.

19. L-attriċi tinsisti iżda li ż-żwieġ tfarrak indipendentement mir-relazzjoni tagħha ma' CF għaliex żewġha kien ukoll xħiħ u kien jindaħlilha sa l-inqas dettall kif jintefqu l-flus u jimponi fuqha *budgets* strettissimi minkejja li hija wkoll kienet taħdem bi qligħ. Dwar dan l-ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"L-attriċi tkompli billi tgħid li l-konvenut kien jagħtiha biss "€80 fix-xahar ghal bzonnijiet ta' kuljum bhal halib, priezet, hobz u ohrajn u dan mill-flus ta' l-impjieg tieghi!!!". Min-naħa l-oħra, il-konvenut jispjega li dwar*

[8] Vol. 8 fol. 1632
[9] Ara ukoll ix-xhieda ta' OB a fol. 1633, para 23, Vol. 8

*l-utilizzar tal-flus, il-partijiet kienu jiftehmu fil-bidu tas-sena billi jagħmlu pjan finanzjarju u fir-rigward tat-tmenin Ewro (€80) dan kien hemm qbil bejntiehom, liema flus ġew deskritti mill-konvenut bħala "extra pocket money, mhux ghal affarijiet tal-hajja". Il-Qorti ma kientx konvinta minn dan l-argument u għaldaqstant qiegħda tistrieħ fuq l-istatements bankarji li ġew ipprezentati fl-atti ta' din il-kawza. Jidher li l-attriċi kellha numru ta' kontijiet bankarji fuq isimha u oħrajn konġunti ma' zewġha, minn liema kontijiet jidher li kien hemm numru ta' transazzjonijiet. Għaldaqstant jidher ċar li l-attriċi ma kienetx qiegħda tgħix bl-allowance mizeru ta' tmenin Ewro (€80) fix-xahar, izda kellha l-fakolta' li tixtri għaliha u għal uliedha skont kif deherilha dejjem xieraq. L-istess jista' jingħad għall-ammonti intizi għar-rigali kif allegat mill-attriċi stess, fejn fin-nuqqas ta' provi suffiċjenti, il-Qorti kienet kostretta tevalwa l-istataments bankarji fejn osservat li kien hemm numru ta' transazzjonijiet immirati għar-rigali, fejn l-ammonti kienu jvarjaw minn €35, €50, €60 u €70.[10] Għaldaqstant l-anqas dan l-argument ivvantat mill-attriċi ma jista' jiġi emnut minn din il-Qorti.*

*In vista tal-premess, il-Qorti tinsab moralment konvinta li għal snin twal fil-ħajja mizzewġa tal-partijiet ma kienetx tezisti din il-gravita' ta' sitwazzjoni u dan salv għall-fatt li bħal kull kopja oħra mizzewġa, il-partijiet tul iz-zwieġ seta' kellhom xi kwistjonijiet frivoli li dwarhom ma qablux. Madanakollu, il-Qorti ma tħossx li fil-perjodu ta' bejn id-data taz-zwieġ fl-2002 sas-sena 2009, u ċjoe' għal seba' (7) snin, kien hemm raġuni valida għaliex iz-zwieġ seta' jitkisser. Il-Qorti temmen li l-perjodu ta' għawġ bejn il-partijiet beda għal perjodu tas-sena 2009."*

20. L-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tagħmel l-apprezzament tal-provi u din il-Qorti ma ssib xejn li jikkonvinċiha li l-ilment tal-attriċi hu ġustifikat.

21. Il-Qorti ssibha diffiċli temmen li l-*budget* għall-ispejjeż tal-ħajja kien jiddeċidih il-konvenut waħdu. F'kull każ, m'hemmx prova li l-attriċi kienet f'qagħda finanzjarja prekarja fejn żewġha kien qiegħed iħalliha fil-bżonn u dan wassal għal tbatija. Jirriżulta anzi li matul iż-żwieġ l-attriċi kellha mpjieg u kellha diversi kontijiet bankarji f'isimha, fosthom *savings account*

---

[10] Vol. 4 fol. 680, 689, 691.

mal-HSBC Bank[11] li minnu kienet regolarment tiġbed il-flus u tħallas fil-ħwienet. Dan apparti li fl-affidavit l-attriċi qalet li kulma kienet qed titlob lil żewġha kien li jkun iktar preżenti u jagħti daqqa t'id id-dar.

22. L-attriċi tisħaq ukoll illi kuntrarjament għal dak li qalet l-ewwel Qorti, ma marritx tgħix għand CF meta telqet mid-dar matrimonjali iżda marret tgħix għand il-ġenituri tagħha. Biex persuna tikkommetti adulterju m'hemmx għalfejn tmur tgħix mal-persuna.

23. Il-parti rilevanti tas-sentenza appellata hija s-segwenti:

> *"Il-Qorti tinnota li kemm l-attriċi u kif ukoll il-konvenut jallegaw li z-zwieġ ta' bejniethom tkissier b'mod irrimedjabbli minħabba relazzjonijiet extra-matrimonjali da parti z-zewġ partijiet. Wara li l-Qorti evalwat l-atti proċesswali u ħadet konjizzjoni tal-ammissjoni tal-attriċi stess, tinsab konvinta li l-attriċi kellha relazzjoni extra-matrimonjali fis-sena 2009 ...*
>
> *Il-Qorti ssibha ferm diffiċli li tasal għal konkluzjoni differenti meta l-attriċi stess tikkonferma li: (i) nhar it-2 ta' Novembru 2009, dlonk marret għand avukat sabiex tibda bil-proċeduri ta' separazzjoni meta l-konvenut qalilha sabiex tagħmel hekk, (ii) mit-2 ta' Novembru 2009 tikkonferma li bdiet tgħix ħajja separata minn ma' zewġha, filwaqt li bdiet toħroġ ma' CF, (iii) fl-aħħar ta' Diċembru infurmat lil konvenut li kienet daħlet persuna oħra f'ħajjitha, u (iv) mill-bidu ta' Jannar bdiet tgħix ma' CF kull meta ma jkollhiex it-tfal magħha. Il-Qorti tinsab moralment konvinta li problemi elenkati mill-attriċi u li fuqhom qiegħda tibbaza din il-firda personali, ġew amplifikati sabiex b'hekk tittenta tikkonvinċi lil Qorti li kien proprju għalhekk li ma setgħatx tibqa' f'relazzjoni mal-konvenut u konsegwentament bdiet relazzjoni oħra ma' kollega tagħha. Madanakollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-attriċi konsapevolment bdiet relazzjoni mal-kollega tagħha u sabiex tevita li tiġi akkuzata b'adulterju, sfat sabiex dawret is-sitwazzjoni kollha kontra l-konvenut. Il-konvenut induna bl-aġir tal-attriċi u temmen li kien proprju għalhekk li kien qiegħed jinqala' iktar inkwiet bejn il-partijiet, għaliex min-naħa waħda għandek lil konvenut li kien qiegħed jipprova jara għaliex martu inbidlet daqshekk tant li bdiet taġixxi b'mod differenti mis-soltu, u min-naħa l-oħra għandek lill-attriċi b'relazzjoni*

[11] Vide statements a fol. 337 et seq., Vol. 2

*adultera li fiha kienet qiegħda tħossha komda, liema relazzjoni kienet qiegħda naturalment taffettwa l-ħajja mizzewġa tagħha mal-konvenut. Għaldaqstant, il-Qorti tinsab moralment konvinta li z-zwieġ tal-partijiet tkissir b'mod irrimedjabbli primarjament stante r-relazzjoni adultera li bdiet l-attriċi ma' CF waqt li kienet mizzewġa u tgħix bħala familja mal-konvenut u uliedhom"*

24. Jidher li l-attriċi nsiet li waqt il-kontro-eżami qalet:

*"….. Novembru 2009 bdejt niltaqa' ma' CF anke barra mill-uffiċċju. Bdejna noħorġu flimkien bħala girlfriend u boyfriend fit-2010 fil-bidu tas-sena…… Fid-dar ta' bdejt immur għandu minn Jannar 2010. Kont noqgħod miegħu meta ma jkollix tfal u llum il-ġurnata noqggħod miegħu anke meta jkolli t-tfal."*[12]

25. M'hemmx dubju li meta l-attriċi ma baqgħetx tgħix fid-dar taż-żwieġ, kienet diġa` f'relazzjoni ma' CF. Dan hu każ ieħor fejn l-ilment dwar id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti dwar ir-responsabbilta` hu bażat fuq dak li xehdet l-attriċi u xejn iktar, mingħajr l-ebda argumenti għalfejn dak kollu li qal il-konvenut għandu jiġi skartat. Lanqas m'hemm provi li jikkorraboraw b'mod konvinċenti l-verżjoni li tat dwar in-nuqqasijiet kollha li semmiet l-attriċi u li qalet wasslu biex jitkisser iż-żwieġ. Inoltre, f'affidavit ta' ħmistax-il faċċata l-attriċi ma semmietx ħaġa waħda pożittiva dwar żewġha u lanqas nuqqasijiet tagħha. Dan apparti li tista' tgħid li nofs l-affidavit jitratta dwar dak li ġara wara li l-attriċi kienet diġa` ħadet id-deċiżjoni li tissepara. Imbagħad dwar ir-relazzjoni ma' CF kulma qalet hu li fi Frar 2010 waqqfet ir-relazzjoni sabiex tipprova tirrikonċilja mal-konvenut, u mbagħad f'Ġunju 2010 marret tgħix ma' CF f'appartament li krew.

---

[12] Vol. 6 fol. 1102

26. L-attriċi tirreferi wkoll għall-inċident tad-9 ta' Jannar, 2010, meta l-konvenut refa' jdejh fuqha u tilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti ġġustifikat dan l-aġir bħala *one off.* F'dan ir-rigward fis-sentenza appellata jingħad:

> *"L-episodju taċ-ċavetta li seħħ għal ħabta ta' Jannar 2010 kien wieħed kruċjali li kompla kisser ir-relazzjoni u z-zwieġ tal-partijiet. Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tad-dikjarazzjoni tal-partijiet, il-Qorti tinnota u li fl-ewwel lok, jidher li kemm kunflitt dwar x'kienet ser tagħmel l-attriċi bl-affarijiet li kellha fil-karozza, u ċjoe' jekk kienetx ser tagħti lil oħtha xi affarijiet li ma kellhiex iktar bzonn, jew kienetx ser titlaq mid-dar u b'hekk għabbiet fil-karozza xi ħwejjeġ personali tagħha u tat-tfal. Il-Qorti tevalwa li dwar dan l-episodju, l-attriċi naqset milli tipproduċi x-xhieda ta' oħtha sabiex b'hekk il-verzjoni tagħha tiġi kkorraborata. Fit-tieni lok, il-Qorti tevalwa ukoll li ma tinsabx moralment konvinta li l-konvenut huwa persuna vjolenti u aggressiv. Il-konvenut stess jammetti fl-affidavit tiegħu li matul dan l-episodju, huwa qabad lill-attriċi minn għonqha izda telaqha x'ħin irrealizza x'kien qiegħed jagħmel. Jidher ċar li l-attriċi tipprova tagħti x'tifhem li l-konvenut huwa persna vjolenti u aggressiv, tant li ssemmi sitwazzjoni oħra fejn il-konvenut kien vjolenti magħha. Madanakollu u dan filwaqt li l-Qorti tirriafferma li ma tiġġustifikax il-vjolenza fi kwalsiasi forma li din tista' tkun, din tgħaddi sabiex tinnota li l-vjolenza hekk allegata mill-attriċi ma ġietx ikkorraborata minnha stess. Il-Qorti tinnota illi l-attriċi serjament tonqos milli tipprova bi provi sodisfaċenti l-karattru tal-konvenut u magħdud ma' dan hija tonqos ukoll li tesebixxi xi rapporti magħmula minnha mal-Pulizija tul iz-zmien li damet mizzewġa lil attur, fejn b'mod inekwivoku tistabilixxi li hija verament kienet qiegħda tibza' għal ħajjitha u għal dik ta' uliedha.*
>
> *Il-Qorti tinsab tal-fehma illi l-episodju hawn fuq imsemmi kien wieħed ta' rabja u konfuzjoni, iddominat minn elementi ta' persistenza da parti l-konvenut u rezistenza da parti l-attriċi. Għalkemm dan l-episodju partikolari jista' jiġi deskritt bħala wieħed mhux daqstant ċivili u feliċi, xorta waħda ma jistgħax jiġi meqjus bħala episodju ta' theddid u vjolenza. L-attriċi tonqos milli tiprovdi dawk il-provi li jikkonfermaw li l-konvenut huwa verament u konistentament raġel vjolenti. Il-Qorti tkompli billi tirrileva illi ssibha ferm diffiċli li temmen lill-attriċi li din ma għamlitx rapport lil Pulizija. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' provi sal-grad rikjest mil-liġi, dan l-episodju in kwistjoni jista' biss jiġi kkunsidrat bħala att singolari u izolat. Għaldaqstant, il-Qorti ma tistax issib lil konvenut ħati ta' vjolenza u/jew inġrji gravi."*

27. Dan l-episodu ġara f'Jannar 2010 meta l-attriċi kienet diġa` ħadet id-deċiżjoni li titlaq lill-konvenut. Għalhekk ma jistax ikun li dak l-inċident iżolat wassal biex tfarrak iż-żwieġ. L-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li kellha tagħmel dwar dak l-inċident iżolat, u din il-Qorti ma tqisx l-ilment ġustifikat.

28. Kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti:

> *"Ma hemmx dubju f'għajnejn il-Qorti illi l-attriċi hija ħatja ta' adulterju ai termini tal-Artikolu 38 tal-Kodiċi Ċivili u fil-fehma tal-Qorti huwa proprju stante tali adulterju li z-zwieġ tfarrak b'mod irrimedjabbli. L-adulterju da parti l-attriċi kien proprju l-funditus tal-kwistjoni odjerna, li minħabba tali rrenda lil konvenut f'raġel insikur u ddispjaċut, fejn għamel il-possibli sabiex isalva z-zwieġ tiegħu. Mill-atti tal-kawza jidher ċar li l-attriċi kienet diġa' fformulat il-ħsibijiet preċizi tagħha dwar il-ħajja matrimonjali mal-konvenut, tant li kull darba li tara jew tkun fil-prezenza ta' zewġha kienet tħossha fizikament hazin. Tajjeb li jiġi sottolinejat li dawn is-sensazzjonijiet tal-attriċi kienu bdew ftit qabel ma' kienet rrikorriet għand avukat sabiex tibda l-proċeduri ta' separazzjoni u konsegwentament bdiet uffiċċjalment ir-relazzjoni tagħha ma' CF. Fil-fehma tal-Qorti, huwa għib għal persuna mizzewġa li tkisser lil konjuġi tagħha mentalment billi tisħaqlu li trid tagħzel bejnu u bejn persuna oħra. Il-Qorti temmen ukoll li fiċ-ċirkostanzi kien ikun idoneju li kienu jiġu prodotti kull professjonist msemmi fl-affidavits tal-partijiet u ċjoe' Fr Rene Camilleri, Fr Louis Subhan, Dr Bernard Grech u Dr Mireille Petit Pellegrini, sabiex b'hekk tingħata ukoll lil Qorti verzjoni oġġettiva u imparzjali. Fiċ-ċirkostanzi, ma hemmx lanqas dubju li l-konvenuta hija ukoll ħatja ta' inġurji gravi fil-konfront ta' zewġha ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili u dan għaliex minkejja li l-attur ipprova jsalva z-zwieġ tiegħu, l-attriċi dejjem irrikorriet lura għand CF."*

29. Dwar ir-relazzjoni tal-konvenut ma' OB, miżżewġa lil CF, jirriżulta li dik ir-relazzjoni bdiet ferm wara li l-attriċi bdiet ir-relazzjoni tagħha ma' CF, u fi żmien meta ma kienx hemm tama li sseħħ rikonċiljazzjoni.

Għalhekk l-attriċi ma tistax tinqeda b'dik ir-relazzjoni sabiex tiskolpa ruħha mir-responsabbilta` għat-tifrik taż-żwieġ.

30. Fir-rikors tal-appell l-attriċi qalet li minħabba dak li għamel żewġha matul iż-żwieġ kien wasal iż-żmien li fih, *".... iddeċidiet li din ma kinitx ħajja u kellha tiddeċiedi fl-aħjar interessi tagħha u fuq kollox t'uliedha tieqaf tgħix din il-ħajja ta' miżerja u tibda tgħix verament"*. Il-Qorti m'hijiex impressjonata b'dikjarazzjonijiet ta' din ix-xorta, iktar u iktar meta tikkunsidra l-mod kif bdiet relazzjoni ma' raġel ieħor. Għalkemm qalet li kien hemm konsultazzjoni ma' professjonisti u *consellors* dwar il-possibilta` li jsalvaw iż-żwieġ, il-Qorti mhijiex konvinta li l-eżerċizzju seta' qatt jagħti l-frott diment li l-attriċi kellha moħħha band'oħra. Hekk per eżempju qalet li fil-11 ta' Novembru 2009 marru jkellmu lil Fr Rene Camilleri *"biex nippruvaw nirranġaw is-sitwazzjoni tagħna"*. Pero` evidenti li f'dak l-istess żmien kien diġa` daħal CF fil-ħajja sentimentali tal-attriċi.

31. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju tal-appell inċidentali.

32. Fl-appell inċidentali l-attriċi lmentat ukoll dwar il-kap tal-ispejjeż. Il-Qorti ma ssibx li hemm raġunijiet li jiġġustifikaw dan l-aggravju ġialadarba ż-żewġ partijiet huma responsabbli u meħud in konsiderazzjoni il-konklużjoni tal-ewwel Qorti dwar il-ħtijiet għall-firda.

*Appell tal-konvenut.*

33. Il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-appell tal-konvenut dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

34. Il-konvenut jilmenta illi:

> *"L-ewwel aggravju tieghu hu li l-Qorti iddecidiet li uhud mill-bonds, stocks u flus, fil-kontijiet bankarji jaghmlu parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti tal-partijiet meta dawn ma kinux tal-partijiet izda ta' ommu, li hu investa ghaliha. Irrizulta mill-provi illi meta ommu bieghet il-post taghha, hi ghaddietlu somma ta' 19,000 Ewro biex jinvestihielha, izda l-Onorabbli Qorti iddecidiet li taghti lil martu kemm nofs din is-somma li kienet fil-kont bankarju tieghu kif ukoll taghtihielha doppja ghax tatha ukoll nofs l-investimenti li hu ghamel ghall-ommu b'din is-somma."*

35. Peress li dan l-aggravju jirreferi għal żewġ kontijiet bankarji u għadd ta' investimenti, il-Qorti tqis opportun illi qabel kull konsiderazzjoni oħra issir referenza għall-ispjegazzjoni mogħtija mill-konvenut fl-affidavit a fol. 1517 (Vol. 8). Fih sostanzjalment jgħid illi ommu biegħet proprjeta fil-21 ta' Novembru, 1995, u mill-prezz għaddietlu somma flus li ddepożita fil-kont bankarju mal-Bank of Valletta plc bin-numru 13221729102. Il-konvenut ippreżenta kemm il-kuntratt ta' bejgħ[13] kif ukoll *deposit slip* datata 7 ta' Settembru, 2000, għas-somma ta' Lm5,000.[14] Qal li maż-żmien il-flus ta' dan il-kont flimkien ma' kont *savings* mal-Bank of Valletta

[13] Vol. 8 fol. 1522
[14] Vol. 8 fol. 1528

plc bin-numru 40010210921 li nfetaħ f'Diċembru 2000, intużaw biex inxtraw ishma u *bonds* lokali għal ommu u għalhekk l-istess ma jifformawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Skont tabella li għamel hu stess (fol. 1519) dawn huma:

i. 6.1% MGS 2015 MT0000010943

ii. 8% BOV bonds 2010 (USD)

iii. 8.25% Suncrest Bonds 2005/07

iv. Go plc shares

v. 6.5% CC Car Parks plc Bonds 2006

vi. 6.7% Mizzi Org Finance plc Bonds 2006

vii. 5.5% MGS 2023

viii. 6.3% IHI

ix. 13221729102 (term)

x. 40010210921 (savings)

36. Il-konvenut kompla jinsisti dwar dan fil-kontro-eżami.[15]

37. L-ewwel aggravju tal-konvenut huwa dwar dak deċiż dwar dawk il-kontijiet. Jilmenta li:

> *"1. Fis-sentenza fil-parti intitolata Assi li jiffurmaw parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, pagna 45 c (vi) u (vii), il-Qorti qiset il-flus ta' tnejn mill-kontijiet bankarji f'ismu bhala tal-Komunjoni meta mill-provi irrizulta illi dawn il-kontijiet kienu infethu qabel iz-zwieg u kellhom bilanc dak iz-zmien. Dawn kienu kontijiet tal-Bank of Valletta numri 13221729102 u 40010210921. Il-provi jinsabu mid-dokumenti bankarji.*
>
> *Ghaldaqstant fis-sentenza fil-parti intitolata Porzjoni Assenjata lil Daniela f'pagna 53 b- fejn il-Qorti taghtha nofs l-ammont ta' kull kont bankarju f'isem wiehed mill-partijiet, huwa jilmenta li dan mghandux japplika ghall-flus fil-kontijiet bin-numri 13221729102 u 40010210921.*
>
> *"L-Onorabbli Qorti f'pagna 45 (r) iddikjarat somma f'ismu fil-kont bankarju 40010210921 bhala parti mill-Komunjoni u assenjat nofsha lil martu meta din kienet is-somma li ghaddietlu ommu biex jinvestihielha u hu hekk ghamel. Investihielha f'bonds u stocks. Jirrizulta ukoll mid-dokument bankarju li fis-somma ta' 18,919 Ewro fil-Kont Bankarju ta' Stephen Gauci mal-Bank of Valletta plc bin-Numru 40010210921 hemm il-bilanc ta' kont numru 13221729102 u cjoe 10,200.87 Ewro. Is-somma ta' 18,919 Ewro kif jirrizulta mill-provi giet migbuda minnu fit-28 ta' Novembru 2009.*
>
> *Hu ipprezenta ukoll kopja tal-Kuntratt tal-bejgh tal-post ta' ommu datat 21 ta' Novembru 1995 fl-atti tan-Nutar Dr Pierre Falzon li juri l-provenjenza tal-flus li ghaddiet lil binha biex jinvestihomlha. (Ommu kienet xehdet fuq dawn fl-affidavit taghha, pero dan gie sfilzat wara talba ta' martu peress li ommu ma kinitx f'posizzjoni li tixhed in kontro-ezami minhabba problemi ta' sahha).Kif inhi is-sentenza, il-mara mhux talli tiehu flus li ma jappartjenux lil partijiet, izda talli tiehu ukoll somma doppja, u cjoe nofs is-somma fil-kont bankarju u nofs is-somma tal-bonds u stocks, meta dawn huma mill-istess flus, ta' ommu, kif gie spjegat ad nauseum.*
>
> *Jirrizulta mill-provi dokumentali tal-bank illi sa qabel id-data taz-zwieg tal-partijiet li kienet 21 ta' Dicembru 2002, f'dan il-kont numru*

[15] Vol. 9 fol. 1727 *overleaf* et seq.

*13221729102 il- bilanc kien ta' 5878.63 Liri Maltin li jigu 10,199.44 Ewro.*

*Jirrizulta mill-provi dokumentali tal-bank illi sa qabel id-data taz-zwieg tal-partijiet, fil-kont bankarkju BOV numru 40010210921 il-bilanc kien ta' 1021.76 Liri Maltin li jigu 2380.06 Ewro.*

*Jirrizulta mill-provi dokumentali tal-Bank ukoll, illi l-kont Numru 40010210921 ma kienx ta' Stephen Gauci izda kien fuq ismu ghan-nom ta'ommu Georgina Gauci. Bhala prova ohra ta' dan, u li fil-fatt jirrizulta illi fuq id-dokument bankarju stess hemm imnizzel Stephen Gauci a/c G ghal Georgina Gauci. Fil-fatt ommu kienet tuza dan il-kont permezz ta' debit card taghha. Martu kienet taf b'dan il-kont u fil-fatt darba minnhom bi zball gibdet somma ta' 5000 Ewro minnu u malajr irrangaw dan l-izball."*

38. L-*istatements* tal-kont 13221729102 ġew esebiti bħala 'Dok BoV 12' a fol. 568 *et seq* (Vol. 3 u 4) u riprodotti a fol. 1427 *et seq* Vol. 8). Dan il-kont huwa *term deposit* f'isem il-konvenut. Kont li kien jeżisti fid-data taż-żwieġ (21 ta' Diċembru, 2002), tant hu hekk li fis-7 ta' Settembru sar depożitu fih ta' Lm5,000.[16] Fis-17 ta' Diċembru, tal-2002, kien hemm bilanċ ta' <u>Lm5,878.63</u> (ekwivalenti għal **€13,693.52**). Kull xahar id-depożitu kien jimmatura u jerġa' jiġi nvestit. Maż-żmien saru wkoll diversi *capital increases* u *partial non cash withdrawals*. Sal-aħħar ta' Novembru, 2009, dak il-kont kien fih bilanċ ta' €10,200.87[17] li nġibed fit-28 ta' Novembru, 2009, u ġie trasferit fil-kont 40010210921.

39. L-*istatements* tal-kont 40010210921 ġew esebiti bħala 'Dok BoV 13' a fol. 654 et seq (Vol. 4).[18] Dan il-kont huwa *term deposit* li f'Jannar

---

[16] Ara ukoll Vol. 8, fol. 1528
[17] Vol. 4 fol. 653
[18] L-istess ġie eżebit a fol. 1412 et seq, Vol. 8

2002 fetah b'bilanċ ta' Lm330.46. Fis-17 ta' Diċembru, 2002, l-aħħar bilanċ qabel iż-żwieġ, il-bilanċ kien ta' Lm998.90 (**€2,326.81**). Fiż-żwieġ saru diversi *entries* f'dan il-kont, inkluż id-depożitu tas-somma ta' €10,200.87 fit-28 ta' Novembru, 2009, mill-kont 13221729102 kif spjegat. Fl-istess jum, inġibdet is-somma ta' €18,919 li ġiet deskritta bħala '*BP Issue 762688'.*[19] Il-bilanċ sal-aħħar tas-sena 2009, meta l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali, kien ta' €117.59[20] filwaqt li l-bilanċ finali skont ir-rendikont in atti niżel għal €23.06.[21]

40. L-ewwel Qorti qasmet bejn il-partijiet il-bilanċi li kien hemm fiż-żewġ kontijiet. Qieset ukoll li s-somma ta' €18,919, li ġibed il-konvenut mill-kont bankarju tal-Bank of Valletta plc bin-numru 40010210921 nhar it-28 ta' Novembru, 2009, u mmarkata bħala *transaction* '*BP ISSUE 762688*', kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti u għalhekk assenjat lill-partijiet is-somma ta' €9,459.50 kull wieħed rappreżentanti s-sehem rispettiv tagħhom minn dak l-ammont. L-ewwel Qorti żiedet tgħid li fil-każ tal-konvenut l-istess somma diġa` tinsab diġa` fil-pussess tiegħu.[22]

41. Safejn il-konvenut jilmenta li l-ewwel Qorti kellha tasal għall-konklużjoni li l-flus f'dawk iż-żewġ kontijiet kienu ta' ommu, m'hemmx prova waħda li tikkorrabora dik il-verżjoni. Il-Qorti tosserva wkoll li l-

---

[19] Vol. 4 fol. 667
[20] Vol. 4 fol. 669
[21] Vol. 4 fol. 670
[22] Vol. 9 fol. 1962

affidavit ta' ommu kien ġie sfilzat. Inoltre l-fatt waħdu li minn Jannar 2008 l-kont 40010210921 ġie intestat '*a/c G*' ma jfisser xejn għall-Qorti.[23]

42. Madankollu dan ma jfissirx li l-flus kollha li kien hemm f'dawk il-kontijiet huma tal-komunjoni tal-akkwisti. Bħala stat ta' fatt, il-kontijiet in kwistjoni nfetħu mill-konvenut qabel iż-żwieġ u qabel il-21 ta' Diċembru, 2002, kellhom bilanċi fis-somma komplessiva ta' €16,020.33 (€13,693.52 + €2,326.81). Dawk huma assi parafernali tal-konvenut. Peress li m'hemmx prova kuntrarja, kwalsiasi ċaqlieq li sar f'dawn il-kontijiet fiż-żwieġ huwa preżunt li kien dħul tal-komunjoni. Għalhekk, is-somma ta' €16,020.33 għandha tinqata' mis-somma ta' €18,919 li l-konvenut ġibed fit-28 ta' Novembru, 2009. Huwa biss il-bilanċ fl-ammont ta' €2,898.67 li għandu jinqasam bejn il-partijiet.

43. L-attur jilmenta wkoll li l-ewwel Qorti mhux talli tat lill-attriċi nofs is-somma ta' €18,919, talli tagħtilha doppja għaliex tatha wkoll nofs l-investiment li huwa għamel b'din is-somma.

44. Fl-ilment tiegħu l-konvenut ma qalx x'kien l-investiment li allegatament għamel fit-28 ta' Novembru, 2009, bis-somma in kwistjoni. Fil-lista ta' investimenti li minnhom ġiet assenjata sehem l-attriċi m'hemm l-ebda referenza ta' xi investiment bl-isem *BP ISSUE 762688*. L-

[23] Vol. 4 fol. 665

investimenti l-oħra kollha li l-konvenut isostni li għamel f'isem ommu[24] lkoll saru qabel it-28 ta' Novembru, 2009, u ġew likwidati f'Diċembru tal-istess sena[25]. Għalhekk ċertament ma kellhom xejn x'jaqsmu mas-somma miġbuda mill-konvenut bit-*transaction reference* '*BP ISSUE 762688'.*

45. Għaldaqstant tilqa' parzjalment dan l-aggravju billi tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata li ddeċidiet illi s-somma ta' €18,919, li kienet tinsab fil-kont bankarju tal-konvenut mal-Bank of Valletta plc bin-numru 40010210921 u ġiet miġbuda nhar it-28 ta' Novembru, 2009, u mmarkata bħala '*BP Issue 762688',* tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. Minflok tiddikjara li minn dik is-somma, is-somma li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti hi €2,898.67 li għandha tinqasam f'sehem ugwali bejn il-partijiet, b'dan illi sehem il-konvenut huwa diġa` fil-pussess tiegħu u għalhekk l-attriċi biss għandha kreditu favuriha għal €1,449.33.

46. Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju l-konvenut jilmenta ukoll illi:

> *"Ilment iehor dwar kont bankarju iehor, hu dak f'ismu tal-BOV bin-numru 13221729018. Kif jirrizulta mid-dokument bankarju, 500 Ewro kienu c-childrens allowance li l-Qorti diga tatha f'pagna 50 (a) intitolata l-Allegat dejn dovut lil Daniela Gauci. Ghaldaqstant hi mghandhiex terga' tigi assenjata nofs din is-somma ta' dan il-kont ghax nkella tkun hadet id-doppju tas-somma."*

[24] Vol 8 fol 1529 u Vol 9 fol. 1894
[25] Vol. 8 fol. 1408

47. L-attriċi min-naħa l-oħra ssostni li dan mhu minnu xejn għaliex dak li hu inkluż f'dak il-kont hu biss *children's allowance* għas-sena 2009. Tgħid li l-ammonti l-oħra li ngħatat mill-ewwel Qorti jirreferu għas-snin bejn is-sena 2010 u s-sena 2012.

48. F'dan ir-rigward l-attur qiegħed ifettaq u ma jagħtix stampa li tirrifletti l-verita` tal-fatti. L-istess tfettiq jista' jingħad sar mill-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet dwar flus depożitati f'kontijiet bankarji (ara fol. 1869) fejn bħala parti mill-komunjoni tal-akkwisti semmiet kontijiet li fihom bilanċ ta' €72.89 u €58.40. Il-Qorti hi tal-fehma li dan kien każ fejn il-partijiet faċilment setgħu waslu f'arranġament bonarju u mhux iqattgħu ħdax-il sena fil-Qorti.

49. F'paġna 56 tas-sentenza appellata, il-Qorti *inter alia* akkordat lill-attriċi s-segwenti:

> *"y. Is-somma ta' €1,200 dovuti lilha mingħand Stephen Gauci, rapprezentanti sehemha mic-Children Allowance pperċepiti għas-sena 2010, 2011 u 2012"*

50. Ir-rendikont tal-kont 13221729018 jinsab eżebit in atti bħala '*Dok BoV8'* a fol. 470 *et seq*. (Vol. 3). Ic-*children's allowance* mħallsa f'Diċembru 2010 fis-somma ta' €500[26] effettivament tirreferi għal *value date 31/12/2010*. Madankollu, kif tajjeb wieġbet l-attriċi, l-bilanċ li fuqu

[26] Vol. 3 fol. 489

kienu qablu l-partijiet relattiv għal dan il-kont bankarju[27] huwa fis-somma ta' €263.57. Bilanċ li kien hemm fil-kont ġranet qabel sar id-depożitu ta' *childrens' allowance* fl-ammont ta' €500. M'huwiex għalhekk il-każ li l-attriċi ġiet ikkumpensata darbtejn għaċ-*children's allowance* tal-2010.

51. Għaldaqstant, tiċħad dik il-parti tal-aggravju.

52. It-<u>tieni aggravju</u> tal-konvenut huwa dwar il-<u>bonds</u>. Jilmenta illi:

*"L-Onorabbli Qorti iddikjarat certa bonds u ishma bhala parti mill-Komunjoni meta dawn ma kienux tal-partijiet izda ta' omm ir-ragel. Fis-sentenza fil-parti intitolata bhala Assi Parafernali Pagna 43, paragrafu 5.2 (e), dwar l-ishma tas-6.7% AX Investments plc Bonds 2014-2016 bin-Numru MT0000081217 l-Onorabbli Qorti iddikjarat illi nofs is-somma hi parafernali tieghu ghax inxtraw f'ismu qabel iz-zwieg u n-nofs l-iehor li nxtraw wara z-zwieg qisitu bhala tal-Komunjoni ghax kienu jinsabu f'isem ir-ragel. L-appellant isostni illi s-somma kollha li giet investita f'dawn l-ishma hija ta' ommu u mhux tal-partijiet. Kif spjega u kkonferma bil-gurament tieghu fl-affidavit, meta ommu bieghat il-post taghha, ommu talbitu jinvestilha s-somma ta' 19,000 Ewro u hu hekk ghamel. Ghaldaqstant jilmenta li l-Onorabbli Qorti kellha temnu li dawn il-flus li gew investiti ghall-ommu huma ta' ommu u l-istess jghodd ghall-Bonds ghax huma l-bonds taghha. Hi fdat lit-tifel. Fis-sentenza f'pagna 45 (h) il-Qorti qalet li peress li nofs l-investiment inxtara wara z-zwieg u jinsab f'isem ir-ragel, dan ghandu jigi meqjus bhala parti mill-Komunjoni.*

*F'pagna 45 (j) il-Qorti qalet ukoll li l-bonds ta' Mizzi Org Finance Plc huma parti mill-Komunjoni. Is-somma rapprezentanti bond tas-6.2% Mizzi Org Finance Plc Bds 2009-2012 bin-Numru MT 00000211210 mhiex tal-Komunjoni. Irrizulta mill-provi illi dawn inxtraw qabel il-21 ta' Dicembru 2002 (id-data taz-zwieg) u huma l-istess li gew ikkonvertiti mill-Kumpanija mis-6.7 % AX Investments Pls Bonds ghal 6.2% Mizzi Org Finance plc Bonds indikati f'pagna 45 (h).*

*F'pagna 45(k)- Is-somma rapprezentanti tal-bonds kollha tas-6.3% International Hotel Investments Plc Bonds 2013 bin-numri MT 0000111220 huma ta' ommu u mhux tal-Komunjoni u gew investiti bis-somma li ghaddietlu ommu."*

---

[27] Vol. 9 fol. 1766 - 1767

53. Safejn il-konvenut ikompli jisħaq bl-argument li kellu *bonds* f'isem ommu, il-Qorti m'għandhiex x'iżżid ma' dak li diġa` qalet. Għalhekk, l-ilment relattiv għall-nofs il-bonds *6.7% AX Investments plc Bonds 2014-2016* bin-numru MT0000081217 u l-bonds kollha *6.3% International Hotel Investments Plc Bonds 2013* bin-numru MT 0000111220 huwa nfondat.

54. Dwar is-somma rappreżentanti *l-bond tas-6.2% Mizzi Org Finance Plc Bds 2009-2012 bin-Numru MT 00000211210* (para (j) a fol. 47 tas-sentenza appellata), il-konvenut jikkontendi li l-istess mhijiex tal-komunjoni għaliex dawn il-*bonds* inxtraw qabel il-21 ta' Diċembru, 2002, (id-data taż-żwieġ) u huma l-istess li ġew ikkonvertiti mill-Kumpanija mis-*6.7 % AX Investments Pls Bonds* għal *6.2% Mizzi Org Finance plc Bonds* indikati f'paġna 45 (h).

55. Id-dokument a fol. 195 tal-atti jindika li l-bonds *6.7 % Mizzi Org Finance plc bds 2009 - 2012* ġew '*rolled over to MT211210*' ossija l-bond *6.2% Mizzi Org Finance Plc Bds 2009-2012.* Skont l-istess dokument, dan m'għandu xejn x'jaqsam mas-*6.7 % AX Investments Pls Bonds 2014 – 2016* bin-numru MT0000081217 li għalih jirreferi l-konvenut fl-aggravju tiegħu. Fir-rigward tal-investiment *6.2% Mizzi Org Finance Plc Bds 2009-2012* il-Qorti tal-ewwel grad illimitat il-kwota appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti għal <u>341</u> bond. Effettivament kien il-kovenut stess li a fol. 1519 (Vol. 8) iddikjara li fis-6 ta' Novembru, 2009, ċioe` <u>fiż-żwieġ</u>, għamel

*rounding up* sabiex is-somma nvestita telgħat minn €4,659 għal €5,000.[28] Dik it-*transaction* ta' *rounding up* kienet ta' €341[29] u saret mill-flus tal-komunjoni tal-akkwisti b'dan illi l-attriċi kellha dritt għal nofsha kif tajjeb deċiż mill-ewwel Qorti.

56. Għaldaqstant tiċħad l-aggravju.

57. It-tielet aggravju tal-konvenut huwa dwar l-*istocks*. Jilmenta li:

> *"F'pagna 45 (l)- Is-somma rapprezentanti tal-stock kollu tal-5.5% Malta Government Stock 2023 bin-numru MT0000011123 mhiex tal-Komunjoni izda ta' ommu u gew investi-ti bis-somma li ghaddietlu ommu.*
>
> *Ghaldaqstant huwa jinsisti li is-somma li taghtu ommu biex jinvestielha kienet is-somma li hu investa fil-bonds u stocks indikati hawn fuq, ghalhekk hu hass ruhu aggravat li l-Qorti qisithom bhala parti mill-Komunjoni u qasmithom bejn il-partijiet."*

58. Il-Qorti diġa` tennet li in atti m'hemmx prova li l-konvenut investa flejjes bħala *prestanome* ta' ommu. It-3,500 unit f'5.5% Malta Government Stock 2023 – MSE Ref MT0000011123 inxtraw fiż-żwieġ[30] u l-konvenut iddispona minnhom fid-9 ta' Diċembru, 2009. Ir-rikavat ta' €8,900.91 ġie depożitat ġol-kont tal-konvenut mal-Bank of Valletta plc *Staff Current Account* bin-numru 10211073010.[31] Għalhekk l-ammont ta' €8,900.91 hu parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

[28] Ara ukoll Vol. 8 fol. 1408
[29] Vol. 4 fol. 667
[30] Vol. 1 fol. 195
[31] Vol. 3 fol. 447

59. L-aggravju hu miċħud ukoll.

60. Ir-raba' aggravju tal-konvenut jitratta dak deċiż dwar *stocks* u *Bonds* varji. Jilmenta kif ġej:

> *"Fis-sentenza fil-parti intitolata Allegat dejn dovut lil Stephen Gauci pagna 48 a, Dwar l-ismha ;*
>
> *(i)6.1% Malta Government Stock 2015 bin-numri MT10943*
>
> *(ii) 6.5 Cc Car Parks Plc Bonds 2006 bin-numru MT 191206*
>
> *(iii) 6.7% Mizzi Org Finance Plc Bonds 2009-2012 bin-numru 2009-2012*
>
> *(iv) 8 % Bank of Valletta Plc US$ Bonds 2010 bin-numru MT21254*
>
> *(v) 8.25% Suncrest Bonds 2005/07 bin-numru MT81209 li jew konvertiti f'6.7% AX In-vestments Plc Bonds 2014-2016 u*
>
> *(vi) 200 ishma tal-Maltacom Plc Ordinary Shares bin- numru MT90101*
>
> *Il-Qorti qalet li ghalkemm dawn inxtraw qabel iz-zwieg minn Stephen Gauci mill-provi mhemm xejn li jistabilixxi li l-flus kienu ta' ommu u li gew mill-bejgh tal-post taghha u li hu kien qed jagixxi bhala prestanome u iddikjarat li huma tieghu u mhux ta' ommu. Hu jilmenta u jinsisti li hu qal il-verita u cjoe mghandux intenzjoni li jiehu dak li mhux tieghu, stante li dawn huma ta' ommu u mhux tieghu."*

61. Il-Qorti ma tarax fejn irid jasal il-konvenut b' dan l-aggravju. Apparti l-fatt li m'hemm assolutament l-ebda prova li dawn l-investimenti saru mill-konvenut biss bħala *prestanome* għal ommu, fis-sentenza appellata ġie dikjarat li s-segwenti assi huma proprjeta` parafernali tal-kovenut:[32]

[32] Vol.9 fol. 1964

*"a. Is-somma rapprezentanti tal-4659 bond tas-6.2% Mizzi Org Finance Plc Bds 2009-2012 bin-numru MT0000211210 irreġistrati fuq Stephen Gauci, likwidata nhar il-24 ta' Diċembru 2009;*[33]

*b. Is-somma rapprezentanti tat-8% Bank of Valletta Plc US$ Bonds 2010 bin-numru MT0000021254 irreġistrati fuq Stephen Gauci, likwidata nhar id-9 ta' Diċembru 2009;*

*c. Is-somma rapprezentanti tas-6.1% Malta Government Stock 2015 (I) bin-numru MT0000010943 irreġistrati fuq Stephen Gauci, likwidata nhar id-9 ta' Diċembru 2009;*

*d. 200 ishma mill-GO Plc Ordinary Shares bin-numru MT0000090101 irreġistrati fuq Stephen Gauci, liema ishma nxtraw mill-konvenut nhar is-7 ta' Diċembru 1999;*

*e. Nofs tas-somma rapprezentanti tas-6.7% AX Investments Plc Bonds 2014-2016 bin-numru MT0000081217 irreġistrati fuq Stephen, likwidata nhar id-9 ta' Diċembru 2009."*[34]

62. Ovvjament, ladarba ġie dikjarat li r-rikavat minn dawn l-investimenti huma flejjes parafernali tal-konvenut, huwa jista' jagħmel li jrid bihom, inkluż jgħaddihom lil ommu mingħajr ma jressaq l-ebda aggravju. Għall-kompletezza l-Qorti tippreċiża li l-bonds fis-*6.5% CC Car Parks Plc Bonds 2006 bin-numru MT 191206* mhux inklużi fil-lista surriferita għaliex ġew *redeemed* fl-2006.

63. Għaldaqstant tiċħad ukoll dan l-aggravju li hu fieragħ.

64. Permezz tal-ħames aggravju l-konvenut jilmenta imbgħad dwar il-pretensjoni tiegħu għas-somma ta' €45 minħaba l-kirja ta' garaxx u

[33] Għaliex it-341 l-oħra inxtraw bil-flus tal-komunjoni fiż-żwieġ kif fuq ingħad

[34] Dawn kien qabel bonds fl-*8.25% Suncrest Bonds 2005/07* bin-numru MT81209 u nofshom nxtraw fiż-żwieġ kif fuq ingħad, ara Vol. fol 195 u Vol. 8 fol. 1519

spejjeż tat-trasport tal-għamara rimanenti mid-dar matrimonjali. Jgħid hekk:

> *"Dwar is-somma ta' 45 Ewro f'Pagna 49- Paragrafu c, rapprezentanti bilanci ta' hlas lilu minhabba l-kirja tal-garaxx u spejjez tat-trasport tal-ghamara rimanenti tad-dar matri-monjali, il-Qorti qalet li tinnota illi kieku se mai dak allegat mill-konvenut huwa minnu, dak li ghandu jigbor mill-attrici hija s-somma ta' 22.50 Ewro u mhux 45 Ewro. (1000 bejgh tal-ghamara—900 Kirja tal-garaxx—145 spejjez tat-trasport =45/2). Il-Qorti evalwat l-emails ezebiti mill-konvenut f'dan ir-rigward hu kellu jaghtiha 127.50 Ewro. (600 kirja tal-garaxx ta sentejn 1000-600-145 trasport=255/2). Huwa ma jaqbilx stante li is-600 in-dikata fl-email kienet sa dak iz-zmien, u kif taf martu stess, is-sufan tal-partijiet kien gha-du ma nbiehx u kellhom ihallsu kera ta' sena ohra. Hu ma jaqbilx mas-somma ta' 127.50 Ewro li l-Qorti qalet li huma dovuti lilha ghal-bejgh tal-ghamara stante li s-somma ghandha tkun ta' 27.50 Ewro. L-ispejjez kienu €145 garr u €900 kera (ta' 3 snin). Mill-bejgh il-partijiet ircevew €1000."*

65. L-attur qiegħed jinsiti għalhekk li, kuntrarjament għal dak deċiż mill-ewwel Qorti, mhux huwa għandu jagħti lill-attriċi €127.50 iżda hi għandha tagħtih €45. Id-diskrepanza tirreferi għal allegata sena kirja fis-somma ta' €300 li l-ewwel Qorti allegatament naqset milli żżid fil-konteġġi li għamlet.

66. Il-Qorti tiddeplora aggravju fuq somma rriżorja bħal dik. F'kull każ, mill-atti ma tirriżulta l-ebda prova konkreta fis-sens illi l-konvenut ħallas kirja ta' tliet snin u mhux sentejn.[35] Huwa għalhekk inkonċepibbli kif l-ewwel Qorti kellha qatt tasal għal dik il-konklużjoni.

[35] Vol. 8 fol. 1518 u 1554 u Vol. 9 fol. 1896

67. Permezz tas-sitt aggravju l-konvenut jissokta jilmenta dwar is-somma li ngħatat martu rappreżentanti *childrens' allowance.* Jgħid illi:

> *"Fis-sentenza fil-parti intitolata Allegat dejn dovut lil Daniela Pagna 50 il-Qorti qalet f'paragrafu a, li is-somma ta' 1200 Ewro hija sehem l-attrici ghac-childrens allowance ghas-snin 2010, 2011 u 2012. L-appellant ma jaqbilx stante li irrizulta mill-provi li dawn is-somom ma hadhomx hu, izda marru ghall-ispejjez dovuti miz-zewg partijiet u dan sar bi ftehim bejn il-partijiet. Fil-fatt mill-affidavit tieghu pagna 3 subinciz (v) u d-dokument 2.8 li minnu jidher l-istanding orders li saru biex jithallsu l-ispejjez indikati minnu u cjoe l-investimenti ghat-tfal, spejjez marbuta mal-home loan u pagamenti tal-polza ta' assig-urazzjoni, dan kif kienu ilhom jaghmlu l-partijiet ghal-diversi snin. (y)-Hu ma jaqbilx mas-somma ta' 1200 Ewro, kif spjegat fil-paragrafu .Bi qbil bejn il-partijiet kienu thallsu 573.92 ghall-investimenti tat-tfal u ghalhekk is-somma dovuta lilha hi dik ta 563.04."*

68. Għal darb' oħra l-argument tal-konvenut jirriżulta fieragħ. Fl-ewwel lok fl-affidavit tiegħu a fol. 1518 *overleaf* (Vol 8) il-konvenut qal li għaċ-*childrens' allowance* bejn l-2009 u l-2012 l-attriċi hija dovuta s-somma ta' €700, filwaqt li fl-appell qal li s-somma dovuta hi €563.04. Fit-tieni lok, m'hemm l-ebda prova li bi qbil bejn il-partijiet saru xi pagamenti mill-flus tac-*childrens' allowance* għall-perjodi in kwistjoni. *Multo magis,* l-allegati pagamenti li jgħid li għamel il-konvenut huma allaċċjati ma' *bank statement* tal-2010 u m'għandhomx x' jaqsmu maċ-*childrens' allowance* għas-snin 2011 u 2012 li minnhom l-attriċi għandha dritt għal €950 (€250 + €700).[36]

[36] Vol. 5 fol. 921

69. Sehem l-attriċi mill-pagament taċ-*childrens' allowance* perċepit mill-konvenut f'Diċembru 2010 diġa` ġie kkonfermat fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju. Il-Qorti mhix se tirrepeti ruħha.

70. Dan l-aggravju huwa miċħud ukoll.

71. L-aħħar aggravju tal-appellant huwa dwar il-flus depożitati l-Qorti. Jilmenta illi:

> *"(f) Il-Qorti assenjat lil mart nofs l-ammont depozitat il-Qorti wara l-hrug tal-mandat kawtelatorju numru 183/2011. Huwa ihossu aggravat b'din id-decizjoni stante li dik is-somma kienet il-pagiet tieghu wara s-separazzjoni. Hu mhux ser jiehu minn martu xi flus mill-pagiet taghha. Il-mandat kellu jservi biex jikkawtela lilha fis-sens illi hi tkun tista' tezegwixxi s-sentenza fil-konfront tieghu fejn il-Qorti tordnalu jaghtiha flus u mhux tohodlu l-flus li ircieva mill-employer tieghu li f'dan il-kaz hu l-Bank stess peress li hu jahdem mal-Bank.*
>
> *Is-Subincizi aa u bb huma l-istess ta' dd u ee u ghalhekk jidher li dan kien zball ta' tipa."*

72. Il-Qorti tippreċiża li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet ġiet effettivament terminata bis-sentenza li ngħatat fit-22 ta' Novembru, 2018, filwaqt li s-separazzjoni bejn il-partijiet ġiet pronunċjata permezz tas-sentenza appellata. L-attriċi ngħatat il-ħtija għat-tifrik taż-żwieġ b'seħħ mis-7 ta' Jannar, 2010, filwaqt li l-konvenut b'seħħ mit-18 ta' Novembru, 2010. Fil-konfront taż-żewġ partijiet ġew applikati s-sanzjonijiet tal-Artikoli 48 tal-Kodiċi Ċivili.

73. Mill-atti jirriżulta li r-rikors għall-ħruġ tal-mandat 183/2011 sar fil-5 ta' Awwissu, 2011.[37] Dakinhar stess intalqgħet it-talba. B'dak il-mandat l-attriċi ikkawtelat il-pretensjoni għal €50,000, '*rappreżentanti nofs il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet'.* Fl-24 ta' Awwissu, 2011, ġiet depożitata s-somma ta' €322.87[38] filwaqt li fit-3 ta' Settembru, 2012, ġiet depożitata s-somma ta' €20,646.69.[39]

74. Sussegwentement, fil-25 ta' Ottubru, 2012, il-konvenut ippreżenta rikors sabiex il-paga tiegħu tkun eskluża mill-mandat ta' sekwestru.[40] L-attriċi ma opponietx li l-paga tal-konvenut tiġi eskluża mill-mandat sakemm l-istess jibqa' fis-seħħ fir-rigward tal-kontijiet bankarji. It-talba tal-konvenut għalhekk intlaqgħat b'digriet tas-16 ta' Novembru, 2012.[41]

75. Sussegwentement, fl-14 ta' Diċembru, 2012, il-konvenut għamel rikors ieħor fejn talab il-permess tal-Qorti sabiex jiżbanka l-pagi kollha li kienu nqabdu b'dak il-mandat għaliex skontu dak kien żball.[42] L-attriċi kienet opponiet u l-Qorti ċaħdet it-talba.[43]

76. Fit-12 ta' Lulju, 2013, ġiet depożitata somma ulterjuri ta' €808.37.[44]

[37] Vol 9. fol. 1700
[38] Vol. 9 fol. 1704
[39] Vol. 9 fol. 1705
[40] Vol. 5 fol. 806
[41] Vol. 5 fol. 811
[42] Vol. 5 fol. 839
[43] Vol. 5 fol. 847
[44] Vol. 9 fol. 1706

77. Fl-14 ta' Settembru, 2017, l-appellant talab ir-revoka ta' dak il-mandat[45] iżda l-Qorti ċaħdet dik it-talba.[46]

78. Mill-atti ma jirriżultax fhix jikkonsistu l-flus depożitati fl-atti tal-mandat in kwistjoni. Madankollu sa fejn il-flus depożitati b'referenza għall-mandat ta' sekwestru jikkonsistu f'salarju li l-konvenut irċieva wara s-7 ta' Jannar, 2010, l-attriċi m'għandhiex dritt għal nofshom. Għalhekk l-ilment tal-konvenut qiegħed jintlaqa' biss fir-rigward tas-salarju.

Għal dawn il-motivi u safejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq:

1. Tiċħad l-appell inċidentali tal-attriċi.

2. Tilqa' parzjalment l-appell tal-konvenut u tvarja s-sentenza appellata fis-sens li b'referenza:

i. Għall-ewwel aggravju tal-appellant, minflok is-somma ta' €9,459 il-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' €1,449;

ii. Għall-aħħar aggravju tal-appellant, tordna li fil-ġid assenjat lill-attriċi m'hemmx inkluż ukoll dawk il-flus li ġew depożitati l-Qorti bis-

[45] Vol. 9 fol. 1697
[46] Vol. 9 fol. 1715

saħħa tal-mandat numru 183/2011 u li jikkonsistu f'salarju li seta' irċieva l-konvenut mis-7 ta' Jannar, 2010, 'il quddiem.

3. Għall-kumplament tiċħad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjeż tal-appell inċidentali tal-attriċi huma a karigu tagħha. L-ispejjeż tal-appell tal-konvenut jinqasmu in kwantu għal 1/3 a karigu tal-attriċi u 2/3 a karigu tal-konvenut.

Tordna lir-Reġistratrur sabiex fi żmien tletin (30) jum millum jibgħat kopja legali tas-sentenza lir-Reġistru Pubbliku għall-finijiet ta' reġistrazzjoni tas-separazzjoni skont il-liġi.

Giannino Caruana Demajo
President

Tonio Mallia
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
da